# L-Akkademja tal-Malti

Taħdem biex iġġib 'il quddiem il-qagħda tal-Malti bħala lsien nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja.

## ĦARĠA SPEĊJALI TA' *IL-MALTI* F'ĠIEĦ IL-POETA MARIO AZZOPARDI

Id-Dipartiment tal-Malti, l-Istitut Karmelitan u l-Akkademja tal-Malti organizzaw seminar ta' ġurnata dwar il-ġabra *Epistoli mid-Deżert* - Tiftix u Taqtigħat – L-ispiritwalità ta' Mario Azzopardi.

F'dan is-seminar, diversi kelliema analizzaw sezzjoni partikolari kull wieħed minn din il-ġabra, maħruġa minn Horizons proprju għaxar snin ilu.

Il-kelliema waqt dan is-seminar kienu George Farrugia, Charlo Camilleri, Keith Borg, Adrian Grima, Immanuel Mifsud, Pat Gatt u Charles Briffa. Is-seminar, miftuħ għall-pubbliku ġenerali, sar is-Sibt 24 ta' Frar 2024, fl-Aula Prima, fil-bini tal-Università fil-Belt, fid-9am.

Din il-ħarġa speċjali ta' *Il-Malti* XCVII (2024) tiġbor l-atti li ġew preżentati matul dan is-seminar u l-Editur tagħha huwa Prof. George Farrugia.

L-Akkademja tal-Malti ddedikat din il-pubblikazzjoni lill-Prof. Charles Briffa li għamel l-aħħar diskors pubbliku tiegħu f'dan is-seminar.

09.07.2025

12.App. 1
Dar Doreen Micallef
Triq Sant' Andrija
Il-Belt Valletta VLT 1341

info@akkademjatalmalti.org
fb.com/akkademjatalmalti
www.akkademjatalmalti.org